22001D0026

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 26/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li jemenda l-Anness I(materji veterinarji u fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għal Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 189/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 ([1]).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2194/98 tat-12 ta' Ottubru 1998 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2629/97 rigward lametti tal-widnejn fil-qafas tas-sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat. ([2]) għandu jiżdied mal-Ftehim.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 509/1999 tat-8 ta' Marzu 1999 rigward estensjoni tal-perjodu massimu taż-żmien preskritt għat-twaħħil ta' lametti tal-widnejn mal-bufli (*Bison bison spp.*) ([3]) għandu jiżdied mal-Ftehim.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 331/1999 tat-12 ta' Frar 1999 li jemenda Regolament (KE) Nru 2629/97 rigward passaporti fil-qafas tas-sistema ta' identifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat. ([4]) għandu jiżdied mal-Ftehim.

(5) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/1999 tat-28 ta' Lulju 1999 li jemenda Regolament (KE) Nru 2629/97 li jirrigwarda lametti tal-widnejn fil-qafas tas-sistema għal identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali ta' l-ifrat. ([5]) għandu jiżdied mal-Ftehim.

(6) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2680/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li japprova sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-bufli maħsuba għal okkażjonijiet kulturali u sportivi ([6]) għandu jiżdied mal-Qbil.

(7) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-Islanda u Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiżdiedu wara il-punt 86 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/653/KE) fil-Parti 1.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"86a. **399 R 0509**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 509/1999 tat-8 ta' Marzu 1999 rigward estensjoni tal-perijodu massimu taż-żmien preskritt għat-twaħħil ta' lametti tal-widnejn tal-bufli (*Bison bison spp.*) (ĠU L 60, tad-9.3.1999, p. 53).

([1]) ĠU L 74, tal-15.3.2001, p. 24.
([2]) ĠU L 276, tat-13.10.1998, p. 4.
([3]) ĠU L 60, tad-9.3.1999, p. 53.
([4]) ĠU L 40, tat-13.2.1999, p. 27.
([5]) ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 27.
([6]) ĠU L 326, tat-18.12.1999, p. 16.

86b. **399 R 2680**: Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2680/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 li japprova sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni tal-barrin (gniedes) maħsuba għal okkażjonijiet kulturali u sportivi (ĠU L 326, tat-18.12.1999, p. 16)."

Artikolu 2

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-punt 71 (Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2629/97) fil-Parti 1.2 ta' Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"– **398 R 2194**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2194/98 tat-12 ta' Ottubru 1998 (ĠU L 276, tat-13.10.1998, p. 4),

– **399 R 0331**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 331/1999 tat-12 ta' Frar 1999 (ĠU L 40, tat-13.2.1999, p. 27),

– **399 R 1663**: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1663/1999 tat-28 ta' Lulju 1999 (ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 27)."

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nri 2194/98, 331/1999, 509/1999, 1663/1999 u 2680/1999 fil-lingwa Norveġiża, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu oriġinali.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Marżu 2001, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ingħataw lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE tal-, u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-, Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropei.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.